**25 ta' Lulju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Michael Curmi

## Rikors ta' appell - Kontenut - Raġunijiet ta' l-appell - Artikolu 419(1) (b) tal-Kodiċi Kriminali

*Ir-raġunijiet ta' l-appell huma n-ness vitali bejn il-fatti kif esposti u t-talba għat-taħsir jew tibdil magħmula mill-appellant.*

*Ir-raġunijiet ta' l-appell għandhom ikunu speċifikati u konkreti, u mhux sempliċi dikjarazzjoni ta' ideja vaga u indeterminata li tirrendi neċessarja tfittxija biex il-ġudikant jistabilixxi n-natura vera tal-motivi ta' l-appell.*

*Mhux kompitu tal-Qorti li tipprova tislet hi l-motivi ta' l-appell mid-diversi paragrafi dwar il-fatti għax altrimenti dawk il-motivi ma jkunux verament ta' l-appellant iżda dawk konġetturati mill-Qorti.*

*L-indikazzjoni ta' l-aggravji ma tistax issir b'sempliċi referenza għall-fatti.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Michael Curmi talli fit-27/11/92 għall-ħabta tad-9 p.m. f'Wilġa Street, Paceville, San Ġiljan, saq vettura nru. U-1299 kontra s-sinjal tat-traffiku indikat f'dik il-lokalita' (*No Entry*); (2) b'manjiera perikoluża; (3) u aktar reġġa' lura għal distanza aktar milli kien meħtieġ; il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Curmi jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għall-perijodu ta' mhux anqas minn tliet xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' l-14 ta' Frar, 1994 li biha dik il-Qorti wara li "semgħet il-provi" u "semgħet l-ammissjoni volontarja ta' l-imputat", sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u, wara li rat "l-artikoli 15(1) (a) (2) u 18(2) tal-Kap.65, L.N. 94/69 u l-MVR

67'', ikkundannat lill-imsemmi Michael Curmi għal multa ta' tletin lira (Lm 30) u ssospendietu għal xahar mil-liċenzji tas-sewqan;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Michael Curmi ppreżentat fit-23 ta' Frar, 1994 li bih talab ir-revoka ta' dik is-sentenza u l-liberazzjoni tiegħu minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet il-provi (f'dan l-istadju limitatament għalbiex jiġi stabbilit x'ġara eżattament fis-seduta ta' l-14 ta' Frar, 1994 quddiem l-ewwel Qorti) u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi fis-seduta tat-12 ta' Mejju, 1994 l-Avukat Ġenerali eċċepixxa n-nullita' tar-rikors ta' l-appell fuq il-bażi li dana r-rikors ma fihx l-aggravju ta' l-appellant kif rikjest bl-artikolu 419 tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk l-ewwel ħaġa li trid tiġi deċiża hi proprju din il-preġudizzjali;

2. L-Artikolu 419 tal-Kap. 9 jgħid li r-rikors ta' l-appell, barra mill-indikazzjonijiet komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih, taħt piena ta' nullita', il-fatti fil-qosor, ir-raġunijiet ta' l-appell u t-talba għat-taħsir jew tibdil tas-sentenza tal-Qorti inferjuri. Ir-raġunijiet ta' l-appell, jew kif aktar komunement magħrufa, l-aggravju jew aggravji ta' l-appellant, huma neċessarjament in-ness vitali bejn il-fatti kif esposti, u t-talba għat-taħsir jew tibdil magħmula mill-istess appellant. Fin-nota tiegħu tat-8 ta' Ġunju, 1994 l-appellant issottometta li jekk wieħed jeżamina sewwa r-rikors, jinduna li r-rekwiżiti tal-liġi

ġew kollha inkorporati fir-rikors u li l-aggravju, li l-prosekuzzjoni qed tgħid li jinsab nieqes, fil-fatt jinsab, dejjem skond l-appellant, f'ċerti paragrafi li huwa indika bl-ewwel tlieta jew erba' kelmiet introduttivi tagħhom;

3. Din il-Qorti ser tieħu l-okkażjoni ta' din is-sentenza biex tirribadixxi fil-qosor il-prinċipji li jemerġu b'mod ċar mill-ġurisprudenza dwar din il-kwistjoni tan-nuqqas ta' l-aggravju. Dan qed tagħmlu wkoll għax spiss qed tinnota ċerta traskuraġni fl-istesura tar-rikorsi ta' appell li qed jaslu quddiemha;

4. Fost il-ġurisprudenza ormai kopjuża in materja wieħed jista' jissenjala ċerti deċiżjonijiet ta' dina l-Qorti li jissintetizzaw b'mod ċar il-prinċipji relevanti. Hekk, fis-sentenza **Joseph Sciberras v. Joseph Zahra et.** (22 ta' Marzu, 1950), din il-Qorti kienet esprimiet ruħha f'dawn it-termini:

". . . . huwa evidenti li l-motivi indikati għandhom ikunu speċifikati u konkreti, u mhux sempliċi dikjarazzjoni ta' ideja vaga u indeterminata li tirrendi neċessarja tfittxija biex il-ġudikant jistabilixxi n-natura vera tal-motivi ta' l-appell; għax inkella l-motiv ma jkunx jiftiehem u ma jissodisfax l-iskop li għalih huwa intiż mil-liġi . . . . u ġie ritenut li *"il motivo e' specifico quando circoscrive il punto della decisione su cui e' richiamata l' attenzione del giudice al gravame, ed individua in modo, sia pure succinto, ma preciso gli elementi di fatto e di diritto che stanno a base di una concreta censura"* ". . . . U ġie ritenut ukoll li *"La specificita' dei motivi non può essere supplita dalla verbosa estensione dei medesimi, se altro non ripetono, ad esempio, che l'innocenza dell'imputato, senza dedurre un solo argomento a sostegno della innocenza stessa"*.

F'dan il-każ din il-Qorti (jew aħjar il-Qorti Kriminali

sedenti bħala Qorti ta' Appell minn deċiżżjonijiet tal-Qrati tal-Maġistrati) kienet irriteniet li peress li l-appellant ma kienx ta ideja sewwa tar-raġuni ta' l-appell, il-motiv minnu indikat ma kienx veru motiv kif tirrikjedi l-liġi għax ma kien jagħti ebda dawl la lill-ġudikant u anqas lill-parti avversarja;

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Kaptan Joseph Napoleon Camilleri**, deċiża minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1962 kien ġie affermat bl-aktar mod ċar li mhux il-kompitu tal-Qorti li tipprova toqgħod tispigola hi fid-diversi paragrafi dwar il-fatti biex minnhom tipprova tindovina l-motivi ta' l-appell, għax altrimenti dawk il-motivi ma jkunux verament dawk ta' l-appellant, iżda dawk konġetturati mill-Qorti. Fil-każ **Il-Pulizija v. Arthur Gatt**, deċiż minn din il-Qorti fis-6 ta' Settembru, 1982, kien ġie deċiż li l-indikazzjoni ta' l-aggravji ma tistax issir b'sempliċi referenza għall-fatti. Aktar reċentement, din il-Qorti, fis-sentenza **Il-Pulizija v. Lawrence Zammit u Paul Spiteri** tal-25 ta' Lulju, 1986, abbraċċjat l-insenjament tal-kompjant Imħallef William Harding li r-rekwiżiti ta' l-artikolu 419 dwar il-kontenut tar-rikors għandhom jigu skrupolożament osservati għax altrimenti "*the non-observance of this rule or at least a loose interpretation of section 418* (illum 419) *would have two undesirable repercussions: (1) frivolous appeals would be more frequent; (2) the court would not have, at the outset of the trial, the necessary information to enable it to regulate the discussion and confine the hearing to matters relevant to the point in issue*";

5. Fil-każ preżenti hemm diversi paragrafi li jirrelataw il-fatti ta' x'ġara u x'ma ġarax, pero' imkien ma ġie speċifikatament indikat l-aggravju jew aggravji ta' l-appellant;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni sollevata mill-Avukat Ġenerali u tiddikjara l-appell interpost

minn Michael Curmi irritu u null u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu. Is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan inflitta mill-ewwel Qorti tibda sseħħ minn nofs il-lejl u minuta ta' għada.